**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-11 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru 86/13G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Azzopardi**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Carmel Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 36349G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> F'dawn l-aħħar snin u qabel il-25 ta' Mejju, 1999, għamel żvilupp jew ħalla jsir żvilupp fuq art li tagħha hu responsabbli, mingħajr il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għal dan l-iżvilupp konsistenti fi ftuħ ta' barriera u qtiegħ ta' ġebel tal-franka fl-inħawi ta' fuq il-Bniet, limit ta' San Lawrenz, Għawdex kif ukoll ksur tal-ippjanar konsistenti billi għandu estenzjoni tal-barriera mingħajr il-permess meħtieġ; barra minn hekk ġie akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet naqas li jobdi l-ordni tal-avviż biex jieqaf numru ECF/459/98/ENMU/NENF datat 9 ta' April, 1998 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi żvilupp u jittieħdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u jreġġa lura s-sit għall-istat oriġinali'; barra minn hekk naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Awtorità Kompetenti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) moghtija fit-30 ta' Jannar, 2013, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati u wara li rat l-artikoli 56(1)(a), (c) u (d) tal-Att 1 tal-1992 kif viġenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitt elf ewro (€100,000.00). Inoltre ordnatlu ineħħi l-kawża tar-reat u jreġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess billi jerġa jimla dik il-parti tal-barriera u dan skond kif ikun appożitament dirett mill-MEPA bil-permessi skont il-liġi u dan fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza fuq penali ta' sittin (€60) Ewro għal kull jum ta' nuqqas.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Azzopardi minnu ppreżentat fil-15 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament tvarjha in kwantu tikkonċerna l-piena.

**4.** Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda, l-atti u d-dokumenti esebiti, semgħet jixhdu quddiemha lil Franco Pisani, Mark Cini, Carl Xerri, Carmelo Gafà u Stephen Azzopardi, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fid-9 ta' April 1998 nħareġ avviż ta' biex jieqaf u ta' twettiq mill-Awtorità ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp lill-imputat appellant dwar art fl-inħawi "tal-Bniet", limiti ta' San Lawrenz, Għawdex fejn l-appellant għandu barriera. Fl-avviż ingħad li l-appellant kien estenda l-barriera mingħajr permess u l-Awtorità esiġiet li jieqaf minnufih l-iżvilupp u li jittieħdu l-passi biex jieqaf il-ksur u ordnatlu jreġġa lura s-sit għall-istat oriġinali fi żmien 21 ġurnata. Saru diversi spezzjonijiet wara l-avviż imsemmi u matulhom instab li x-xogħol fil-barriera 'l barra mill-konfini tal-permess baqa' għaddej.

Fis-27 ta' Settembru 2000 l-appellant Carmel Azzopardi applika biex jissanzjona l-estenjoni msemmija billi jingħata permess għall-iżvilupp biex jiskava minerali fil-parti tal-estensjoni. Sad-data ta' din is-sentenza ma jirriżultax li l-estensjoni msemmija ġiet sanzjonata mill-Awtorità.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu rikapitulati kif ser jingħad:

1) L-ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi selettiv u kkunsidrat biss dawk miġjuba mill-prosekuzzjoni waqt li injorat dawk  miġjuba mid-difiża u straħet fuq opinjonijiet ta' xhieda *ex parte* u li jiffurmaw parti mit-team tal-prosekuzzjoni.

2) L-ordni mogħti mill-Qorti biex ineħħi l-kawża tar-reat u li jreġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess billi jerġa jimla dik il-parti tal-barriera skont kif ikun appositament dirett mill-MEPA fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza hi ordni li ma tistax isseħħ  u tpoġġieh fl-impossibilità li tista twassal għal penali infiniti, u tħalli f'idejn il-MEPA biex tkompli tiddettalu mingħajr raġuni.

3) Il-piena nflitta hija gravuża ħafna u ferm iżjed serja minn pieni mogħtija f'każijiet simili.

**7.** In kwantu għal **<u>l-ewwel aggravju</u>**, ma hux minnu li l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti kien wieħed selettiv u qagħdet biss fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u injorat dawk prodotti mid-difiża. Di fatti, fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti bdiet biex, kif mistenni minnha mil-liġi, fliet il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex tistabilixxi jekk dawn kienux iwasslu għall-prova skont il-liġi tal-ħtija tal-imputat appellant tar-reati li tagħhom huwa imputat u kkonkludiet li kien irriżultalha li l-appellant kienet il-persuna liċenzjata sabiex tiġġestixxi l-barriera in kwistjoni. Fl-1998 l-awtoritajiet innutaw li kien qed  isir tqattiegħ ta' ġebel minn parti tal-art li ma kienetx taqa' fil-konfini tal-permess, li l-imputat kien ġie formalment notifikat u mitlub biex jieqaf u li iżda x-xogħol baqa' għaddej. Hija imbgħad għaddiet biex tagħmel apprezzament tal-provi prodotti mid-difiża permezz tax-xhieda tal-imputat, ta' John Cassar li kien impjegat mal-appellant biex jaħdem fil-barriera u li l-impieg tiegħu kien ġie terminat mill-appellant, u ħadet konjizzjoni ta' ittra mibgħuta mill-perit arkitett tal-appellant tal-10 ta' Ġunju 2011. Wara li wiżnet dawn il-provi ikkonkludiet li  ma kienux suffiċjenti sabiex jinnewtralizzaw il-provi tal-prosekuzzjoni u għalhekk għaddiet sabiex issib lill-appellant ħati.

**8.** F'dan l-aggravju l-appellant sostanzjalment isostni wkoll li l-aprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti kien wieħed żbaljat.

**9.** Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalità biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**10.** Mill-kumpless tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-barriera in kwistjoni għaddiet f'idejn l-imputat appellant fl-1988[1]. Fl-1992 ir-responsabilità għal-liċenzjar ta' barrieri għaddiet mill-Pulizija għal għand l-Awtorità tal-Ippjanar. L-Awtorità għalhekk bdiet proċess biex tidentifika l-barrieri li kienu liċenzjati joperaw f'Malta u Għawdex u għal dan il-għan inġabru l-*files* relattivi minn għand il-Pulizija fosthom dawk mill-Għassa ta' Għawdex rigward il-barrieri li joperaw f'Għawdex. Peress li fl-1992, meta' bdiet topera l-Awtorità, din ma kellhiex ritratti mill-ajru, l-Awtorità ddeċidiet li tirregola ruħha fuq ritratti mill-ajru tal-1994 tal-barrieri kollha, fosthom dik tal-appellant, u dan sabiex jiġu stabbiliti l-konfini legali ta' kull barriera, fosthom dik tal-appellant.

**11.** Għall-ħabta tal-1997 u 1998 l-Awtorità bagħtet l-uffiċjali tagħha[2], fosthom spetturi u *surveyors*, sabiex jispezzjonaw il-barriera tal-appellant u mill-fatti fiżiċi fuq is-sit u l-konfront li għamlu tal-konfini tal-barriera skont il-liċenzja tal-pulizija mar-ritratti mill-ajru u mal-karattersitiċi fiżiċi fuq il-post, ikkonkludew li partijiet tal-barriera kienu qiegħdin joperaw barra mill-konfini skont il-liċenzja tal-pulizija[3]. Ix-xhud Franco Pisani xehed li meta aċċeda fuq il-barriera tal-imputat sab li kien hemm xoghol ta' tqattiegħ ta' ġebel għaddej fil-parti barra mill-konfini liċenzjati[4] iżda fl-2002 dan it-tqattigħ fil-parti mhux liċenzjata kien waqaf. L-imputat appellant, fid-depożizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Qorti xehed li "Qabel ma ġew tal-MEPA kien isir tqattigħ tal-ġebel minn dawk il-partijiet li huma indikaw li qegħdin bla permess."[5] Stepħen Azzopardi, iben l-imputat, ukoll xehed li meta tal-MEPA qalulu biex jieqaf jaħdem fil-parti li l-Awtorità kienet issostni li ma

---

[1] Fol. 103
[2] Mark Cini fol. 82; Franco Pisani fol 88
[3] Fol. 82-83; 88-89; fol. 186 et seq.; fol. 211 et seq; fol. 241 et seq; Il-parti skavata minghajr liċenzja hi indikata bil-blu fuq il-pjanta fol 18 u 80 mal-avviż ta' twaqqif u twettiq.
[4] Fol. 109
[5] Fol. 113

kienetx skont il-liċenzja huma hekk għamlu u waqqfu wkoll l-impjegat tagħhom minħabba li twaqqfu fuq din il-parti tal-barriera[6].

**12.** L-uffiċjali tal-Awtorità f'diversi okkażżjonijet tkellmu mal-appellant u ma' uliedu fejn inġibditlu l-attenzjoni tiegħu dwar il-fatt li kellu parti mill-barriera li tqattgħet mingħajr permess[7]. L-uffiċjali tkellmu wkoll dwar dan ma' ulied l-appellant, u fid-9 ta' April 1998 ħareġ l-Avviż ta' twaqqif u twettieq li ġie notifikat lill-appellant fis-16 ta' April 1998[8]. Dan il-proċess sar għall-barrieri kollha[9]. It-tqattigħ fil-parti tal-barriera ritenuta mhux skont il-liċenzja issokta anki wara l-avviż ta' twaqqif u twettieq[10].

**13.** Fis-27 ta' Settembru 2000 l-appellant Carmel Azzopardi applika biex jissanzjona l-parti tal-barriera li l-Awtorità kienet issostni li ma kienetx skont il-permess iżda sad-data ta' din is-sentenza ma jirriżultax li din l-applikazzjoni ġiet milqugħa.

**14.** Mill-premess il-Qorti hi sodisfatta li l-konfini tal-barriera in kwistjoni tal-anqas mill-1994 sad-data ta' llum ma humiex konformi mal-konfini skont il-liċenzja li ingħatat mill-pulizija għall-istess barriera. Jirriżulta wkoll li l-parti tal-barriera li tmur oltre l-konfini skont il-liċenzja għadhom sal ġurnata ta' llum mhux sanzjonati mill-Awtorità.

**15.** Matul il-proċess fl-appell id-difiża allegat li l-eżerċizzju komparattiv li għamlet l-Awtorità sabiex stabbiliet l-estenzjoni tal-barriera li ma kienetx konformi mal-liċenzja kien ġie ritenut "*unsafe and unsatisfactory*". Din l-allegazzjoni, iżda, mill-atti tal-proċess ma tirriżultax pruvata. Ix-xhud Franco Pisani, li kien segretarju tal-Minerals Board u li espressament ġie mistoqsi mid-difiża fil-kontro eżami dwar dan, stqarr li "Ma nafx li ħarġet minn imkien jiena din il-biċċa xogħol"[11]. Ix-xhud Mark Cini, li wkoll in kontroeżami ġie propost lilu li l-metodu li kien intuża mill-Awtorità kien instab li ma kienx wieħed "*safe and satisfactory*" wieġeb li sakemm huwa kien ilu fid-direttorat jew sezzjoni tal-infurzar, u ċioe sal-2007, dejjem intużat il-proċedura li ntużat f'dan

6 Fol. 120
7 Fol. 82-83; fol. 213
8 *Ibid;* ukoll fol 235-236
9 Fol 188
10 Fol 211
11 Fol 197

il-każ u li llum ma hux familjari ma' xi proċeduri li jistgħu qiegħdin jintużaw illum.

**16.** Fl-appell ġie ammess jixhed ix-xhud Carmel Gafà[12] li llum huwa l-Principal Enforcement Officer tal-Awtorità tal-Ippjanar. Dan xehed li kien ġie mfassal *Mineral Subject Plan* li iżda qatt ma ġie approvat mill-Ministru responsabbli u eventwalment ġie abbandunat għal kollox minħabba xi ineżattezzi li kien fih. Huwa spjega, iżda, li għalkemm il-*Mineral Subject Plan* kien jidentifika u jindika wkoll il-konfini tal-barrieri llum dwar il-konfini ma jimxux fuq il-pjan imsemmi iżda jduru lura għall-liċenzji tal-pulizija u r-ritratti mill-ajru tal-1994 u li kull intervent vertikali qabel l-1994 kien qiegħed jitqies permissibbli izda mhux interventi lateralment 'l hinn mill-konfini li kienu eżistenti fl-1994. F'dan l-aħħar każ kien meħtieġ li wieħed japplika mal-Awtorità. Huwa xehed li fil-barriera in kwistjoni mill-1994 sa llum ma kienx hemm estensjonijiet laterali.

**17.** Mix-xhieda ta' Carmel Gafà, għalhekk, ma jirriżultax li kien hemm xi bidla fil-metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-konfini tal-barrieri. Dak li jsostni l-istess xhud, iżda, huwa li ma kienx hemm estenjoni laterali tal-konfini kif ġew stabbiliti mir-ritratti tal-ajru tal-1994. B' danakollu, mistoqsi mill-Qorti jekk l-estensjoni laterali tal-barriera kif teżisti llum hix konformi mal-permessi tal-pulizija jew le huwa wieġeb li "Mal-permessi tal-pulizija jridu jixhdu il-pulizija minn dak l-aspett".

**18.** Il-Qorti, kif ġia ingħad, ġia waslet għall-konklużjoni li hi sodisfatta li l-konfini tal-barriera in kwistjoni, tal-anqas mill-1994 sa llum, ma humiex konformi mal-konfini skont il-liċenzja tal-pulizija u li dawn sal-ġurnata ta' llum ma ġewx sanzjonati mill-Awtorità u għalhekk ma humiex koperti bil-permess meħtieġ.

**19.** Stephen Azzopardi, iben l-imputat, xehed li parti mill-barriera li kienet ġiet indikata lilhom mill-uffiċċjali tal-Awtorità bħala li tmur oltre l-konfini skont il-permess tal-pulizija tant kienet ilha li nħadmet li kienet ġiet imqatta' bil-baqqun u in sostenn ta' dan saret riferenza għal ritratt a fol. 22. Il-parti relevanti fir-ritratt kjarament ma ġietx mqatta b'xi makkinarju iżda anqas jidher li mir-ritratt wieħed jista' jikkonkludi l-hemm xi ġebel mqatta' b'baqqun. Fi kwalunkwe każ il-parti relevanti murija tidher li hi parti żgħira biss mill-barriera li hi mdawwra b'parti

[12] Fol. 252 et seq.

oħra kbira li hi kjarament maħduma bil-makkinarju. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, dak li xehed Stephen Azzopardi ma jinnewtralizzax il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-kontenzjoni li l-parti tal-barriera identifikata mill-Awtorità tqattgħet oltre l-konfini skont il-permess tal-pulizija.

**20.** L-imputat appellant[13] kif ukoll ibnu[14] jfittxu li jċekknu r-rwol tal-appellant fil-ġestjoni tal-barriera billi jgħidu li wara li miet missier l-imputat bdiet tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-barriera mart l-imputat waqt li uliedu kienu jieħdu ħsieb l-ordnijiet u affarijiet oħra u li hu kien sempliċement impjegat ta' uliedu, ma jafx jaqra u l-karti li kien jirċievi kien jgħaddihom lil ibnu Stephen li anqas biss kien jinformah x'fihom l-ittri biex ma jinkwetahx. L-imputat appellant, iżda, ma jistax jeżimi ruħu minn kull responsabilità ta' dak li jiġri fil-barriera billi jagħżel jagħlaq għajnejh għal dak kollu li jkun għaddej meta huwa l-persuna li fuqu hemm il-liċenzja tal-barriera llum u in kwantu l-persuna liċenzjata huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-barriera. Anki bħala "impjegat" fil-barriera ta' uliedu ċertament l-imputat kien konsapevoli tax-xogħlijiet li kienu qed isiru fl-istess barriera u in kwantu l-persuna liċenzjata kien jispetta lilu li jassigura li kollox isir konformement mal-liġi u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja.

**21.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, għalhekk, dan l-l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**22.** Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu l-appellant jinsisti li l-ordni mogħti mill-Qorti hi ordni li ma tistax isseħħ u tpoġġieh fl-impossibilità li tista' twassal għal penali infiniti u tħalli f'idejn il-MEPA biex tkompli tiddettalu mingħajr raġuni. L-ordni tal-Qorti hi fis-sens li l-appellant għandu jneħħi l-kawża tar-reat u jreġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess billi jerġa jimla dik il-parti tal-barriera skont kif ikun appożitament dirett mill-MEPA bil-permessi skont il-liġi. L-ordni, għalhekk, ma hix kif jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, biex "ireġġa s-sit lura għal dak li kien" iżda biex ireġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess "billi jerġa jimla dik il-parti tal-barriera skont kif ikun appożitament dirett mill-MEPA". Din ma hix ordni li hi impossibbli li tiġi esegwita.

[13] Fol. 112
[14] Fol. 119-120; fol 268-273

**23.** Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u fid-dawl tal-provi akkwiżiti, iżda, l-appellant għandu raġun jilmenta li l-ordni tħalli f'idejn il-MEPA biex tiddetermina hi il-parti tal-barriera li saret mingħajr permess u li għandha timtela, partikolarment meta jitqies li l-appellant ilu sa minn Settembru 2000 li applika mal-Awtorità sabiex jissanzjona l-parti tal-barriera mingħajr permess u sa llum għadu bla deċiżjoni mill-Awtorità dwar l-applikazzjoni tiegħu. Minn naħa l-oħra l-Qorti hi obbligata bil-liġi li tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawżi tar-reat u li jressaq lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess jew li jħares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess[15], u mill-provi rriżulta li l-parti tal-barriera li tqattgħet mingħajr permess hi dik indikata bl-ittra B kkulurita bil-kulur ċelesti fuq is-site plan Dokument MC2 a fol 80 tal-proċess. Għalhekk dan l-aggravju tal-appellant huwa parzjalment ġustifikat u l-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata f'dan ir-rigward konformement mal-artikolu 56(2) tal-Att I tal-1992.

**24.** Fit-**tielet aggravju** l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel qorti li huwa jqisha bħala gravuża ħafna u ferm iżjed serja minn pieni mogħtija f'każijiet simili.

**25.** Hu ben stabbilit li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**26.** F'dan il-każ, għalkemm l-appellant jgħid li l-piena hi waħda gravuża u ħafna iżjed serja minn pieni mogħtija f'każijiet simili ma jsemmi ebda każ simili li fih ingħatat piena ferm inqas serja minn dik li ingħatat f'dan il-każ. Anzi, apparti li kull każ fih il-fattispeċi tiegħu, fil-kawża Pulizija v Joseph Attard deċiża finalment minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2011, u fejn ir-reati li tagħhom instabet ħtija kienu prattikament identiċi għal dawk ta' llum, il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati u konfermata minn din il-Qorti kienet identika għall-piena mogħtija mill-ewwel qorti f'dan il-każ. Bdanakollu, tenut kont tal-fatt li l-appellant sa mis-27 ta' Settembru 2000 applika mal-Awtorità sabiex jissanzjona l-parti tal-barriera mhux skont il-permess u sa llum, ħmistax-il sena wara għadu mingħajr deċiżjoni dwarha da parti tal-

---

[15] Art. 56(2) tal-Att I tal-1992

Awtorità, il-Qorti hi tal-fehma li għandu jkun hemm mitigazzjoni tal-multa inflitta.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' in parti l-appell ta' Carmelo Azzopardi u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn kkundannat lill-appellant Carmel Azzopardi għall-ħlas ta' multa ta' mitt elf euro (€100,000) u fejn ordnatlu jneħħi l-kawża tar-reat u li jreġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess billi jerġa jimla dik il-parti tal-tal-barriera u dan skont kif ikun appożitament dirett mill-MEPA bil-permess skont il-liġi u, filwaqt li tikkonfermha fil-bqija, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' disgħin elf euro (€90,000) u tordnalu jneħħi l-kawżi tar-reat u li jreġġa lura kull ħaġa li saret mingħajr permess billi jerġa jimla dik il-parti tal-barriera indikata bl-ittra B u kkulurita bil-kulur ċelesti fuq is-*site plan* Dokument MC2 a fol 80 tal-proċess fi żmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza taħt is-sorveljanza tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar soġġett għal kull permess li jista' jkun meħtieġ skont il-liġi b'dan li l-appellant jeħel multa ta' sittin (60) Euro għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur